*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,715, 27 ta' Jannar, 1987*

*Taqsima C*

**Nru. 171**

27. 1. 87

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Daniel Micallef, M.P., Ministru ta' l-Edukazzjoni u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-30 ta' Diċembru, 1986.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni.**

P. MUSCAT TERRIBILE

*Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Daniel Micallef, M.P. Minister of Education and read the First time at the Sitting of the 30th December, 1986.

**AN ACT further to amend the Education Act, 1974.**

P. MUSCAT TERRIBILE

*Acting Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

Att XXXIX ta' l-1974

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1987 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali.

2. Fit-test Malti tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "bħala ħaddiema, studenti numru" għandhom jidħlu l-kliem "ta' persuni b'żieda ma' dawk l-impjegati".

Żieda ta' l-artikolu ġdid 39A ta' l-Att prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 39 ta l-Att prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Preferenza li tingħata lil ħaddiema-studenti nominati

39A. Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, ħaddiema-studenti li jiġu nominati mill-prinċipal tagħhom u li fil-15 ta' Frar tas-sena li fiha jkollhom jiddaħħlu fl-Università jkollhom 'il fuq minn ħamsa u għoxrin sena u kienu f'impieg kontinwu u *full-time* mal-prinċipal li jkun qed jinnominhom għal żmien ta' mill-inqas mhux anqas minn sena, u fuq il-bażi ta' dawk il-ħtiġijiet l-oħra, magħduda l-età u l-grad, kif jista' jiddeċiedi l-prinċipal, u f'dawk il-każi biss għandha tingħata preferenza fl-għażla mill-Bord ta' l-Għażla.".

Applikazzjoni. 4. Dan l-Att għandu jkun japplika għall-għażla ta' studenti sabiex jidħlu fl-Università wara l-ewwel ta' Jannar, 1987.

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għan ta' dan l-Abbozz huwa li jagħti opportunità indaqs għad-dħul fl-Università lill-ħaddiema-studenti kollha ħlief għal ħaddiema-studenti li għandhom 'il fuq minn 25 sena li jkunu nominati mill-prinċipal tagħhom.

# A BILL

## entitled

*An Act further to amend the Education Act, 1974.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Education (Amendment) Act, 1987, and shall be read and construed as one with the Education Act, 1974, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Act XXXIX of 1974.

**2.** In the Maltese text of subsection (5) of section 39 of the principal Act, immediately after the words "bħala ħaddiema, studenti numru" there shall be inserted the words "ta' persuni b'żieda ma' dawk l-impjegati". Amendment of section 39 of the principal Act.

**3.** Immediately after section 39 of the principal law there shall be added the following new section: Addition of new section 39A to the principal Act.

"Preference given to nominated worker students

39A. Notwithstanding any other provision of this Act worker-students who are nominated by their employer and who on the 15th February of the year in which they are to be admitted to the University are over twenty-five years of age and have been in continuous, full-time employment with the employer nominating them for a period of at least not less than one year, and on the basis of such other requirements, including age and grade as the employer may determine, and only in such cases shall preference be given in the selection by the Selection Board.".

Application. **4.** This Act shall apply to the selection of students for entry in the University after the 1st day of January, 1987.

---

## Objects and Reasons

The object of the Bill is to give equal opportunity for entry into the University to all worker-students except for worker-students over twenty-five years of age nominated by their employers.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Kastilja — *Published by the Department of Information* — *Kast*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 2c — *Pri*